# IL-GĦANA F'ĦALQ IL-MALTI

F'xejn iżjed aħjar il-Malti, l-aktar il-Malti li jgħaddi ħajtu qalb is-siġar u l-ħdura tar-raba', ma jfisser ruħu sewwa daqs fil-għanja sabiħa li toħroġ minn qalbu, issa ferħana u ferrieħa, issa midruba bħall-għajta ta' dwejjaq, issa mbikkija bħall-karba tal-ħajja. Għax għalkemm xi wħud, li ma jarawx minn xiber l-hemm, iridu jgħidu li niesna huma nies b'demmhom rieqed; li ma jafux iħarsu, u li għalhekk il-għanja tagħhom hi għanja għall widna biss, u mhux għall-qalb, aħna li l-għanja tagħhom smajniha bosta darba tidwi mal-widien, nistgħu ngħidu li l-għanja tagħhom hi bnina u sabiħa.

Xi ħlewwa, f'raħal imwarrab u mitluf qalb il-għoljiet ta' gżiritna, f'lejla mdawla mill-qamar, waqt li l-grillu moħbi qalb it-tadam jikser il-ħemda tal-lejla, tisma' xi sabi sabiħ, sabi f'saħtu, samrani kif tagħmilhom artna, igħanni l-għana tiegħu bla ma jeħda, igħanni sa donnha ruħu tkun trid toħroġ mal-għanja!

Għanni, ja Malti! għax ismek huwa għanja minsuġa fi ġrajjiet artek, f'demmek li jsaħħnek bil-ħajja, fis-sema li jitbissimlek, fir-raba' li jħaddar, u fil-baħar Malti li jħaddan il-gżira tiegħek.

* * *

Il-għana Malti għandu s-siwi u t-tagħlim tiegħu, ta' fejda kbira għal min irid jagħraf sewwa, sà ġewwa, lil niesna. Minnu aħna naraw kemm niesna jafu jħobbu; kif huma jafu jatu kisja, sura l-aktar sabiħa lill-iċken ħjel li jolqtilhom qalbhom. Fi ftit kliem aħna nagħarfu kif xejn inqas minn ulied artijiet oħra, il-Malti jinseġ fil-għana tiegħu ġrajjietu; ħsebijietu, u x-xewqat tiegħu. F'dak li hu għana qadim dan jidher aħjar. Ħaġa oħra ma tistâx tistenna. Moħħ il-Malti, fl-imkien mal-qalb, jinseġ ġrajja ta' ferħ jew ta' dwejjaq mill-isbaħ ilwien; jetihom il-ħajja mis-sħana ta' qalbu, sa ma jagħmilhom ħaġa waħda miegħu. Għax f'demm il-Malti tiġri l-ħajja sabiħa tar-raba', bil-ħmura tas-silla l-ikħal tas-sema u l-aħdar tal-widien. Għalhekk jitqarqu dawk li jaħsbu li niesna m'għandhom l-ebda ħjel ta' sbuħija, li huma reqdin weħidhom f'raħalhom, ma' l-imgħasqa u l-moħriet biss! Il-Malti jaf jara s-sabiħ iħaddnu u jsellimlu bil-għana ta' qalbu daqs ulied ratijiet oħra. Hawn jien ingib għanja f'ħalq in-nies tar-raba', fejn aħna naraw kif huma jfissru mħabbithom lejn żewġ għajnejn suwed u l-lewn ismar qamħit il-lewn. Għanja għalija sabiħa, imma li tista' ma togħġobx ukoll, l-aktar lil dawk li sa issa ħlew ħafna karta u l-inka biex iffaħħru l-għajnejn u l-ġilda bajda. Mela ngħannuha din il-għanja, u nġibu quddiem għajnejna fejn aħna l-lum, sabi Malti, smajjar u mibrum, daħqani u twajjeb, li

fil-waqt li jgħarrex b'għajnejh biex jara jilmaħx lix-xebba maħbuba, hu jgħanni:

"Kemm inħobbu lil min hu smajjar
Inklelè għax smajjar jien.
Nixtieq kelli sebat ilsna
Ħalli nfaħħrek ma' kullimkien!

Il-għanja titlef ħafna minn sbuħitha hawn fuq il-karta. Il-ħajja lill-għanja tiġiha mil-leħen imriegħed, fuqani tas-sabi, li jogħla l-fuq mill-ħlewwa tal-kitarra; sew bħal ma n-naħla tarda l-ħlewwa mill-għasel tal-ward.

Natuh lil das-sabi Malti tliet minuti għalih: sakemm hu jibqa' jgħarrex biex jara jilmaħx lis-Smajra Sabiħa. Għajnejh mixgħula, qalbu tgħarxu mil-ġdid ġewwa sidru; subajh jiġru għal fuq il-kordi; tbissima ħelwa bil-mod il-mod tinstilet minn xuftejh bħal imqanqla minn dehra sabiħa. U b'għanja oħra jikser is-skiet tal-lejla mdawla. Isimugħ:

"Kemm huma sbieħ il-għajnejn suwed
Għad li n-nies tfaħħar iż-żoroq.
Kemm huma sbieħ għajnejn ħaninti
Sa n-nies jisirqu minn ġo' t-toroq."

B'għana bħal din is-sabi raħli ta' Malta jasal biex jirbaħ il-qalb ta' xebba maħbuba.

Min kellu jqatta' xi biċċa minn ħajtu f'xi raħal, jaf igħid x'jagħmlu ż-żgħażagħ Maltin fil-lieli sbieħ tas-sajf; kif igħaddu biċċa mil-lejl fil-għana, bl-imħatra min igħanni l-aħjar. Xejn ma jqisu li l-bidwi fuq l-andar iqajmuh, u jġennu l-lejla minsija bl-imbieħ tal-klieb għassiesa.

Il-qamar jiżrex dawlu ma' kullimkien. Lejla bħal din għal għana u l-imħabba. Min imissu, igħanni:

"Il-lejla ġejt ngħannilek
Għal t'apposta ġejt dal-ħin,
Jekk int rieqda qum isimagħni
Jekk int imqajma ħu pjaċir.

B'għanja bħal din jiftħu l-bieb għal mitt għanja oħra.

Il-għanja ta' niesna mhix, kif wieħed jara, maħduma, minsuġa bil-għerf; biss bit-tqanqil tal-qalb; xi drabi bla bidu u bla tarf; ma tgħidlek xejn; ma tolqtokx. Imma bosta drabi mbagħad sabiħa, għajta tal-qalb marsusa, jew imfawra bl-imħabba. Bla sengħa u bla għerf imma sabiħa, u għalhekk jiena jogħġobni nxebbaħha lil dak l-ilma safi li jfawwar qalb il-ħdura ta' xi Wied, imfewwaħ minn elf warda, fejn in-naħla tarda l-għasel tas-susan.

(*Jissokta*) ĠUŻÈ AQUILINA